MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 108/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Josef (Joseph) Sharfid**
**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

**Illum 14 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Josef (Joseph) Sharfid [detentur tal-karta tal-identita numru 392375 (M)] u Alexander Anthony Gialanze Whiteford [detentur tal-karta tal-identita` numru 44501L] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

Fil-11 ta' April, 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond nru. 189, Triq id-Duluri, Pieta':

1. ikkommettew serq ta' kwantita' ta' films diversi fuq DVDs, zewg kompjuters u ammont sostanzjali ta' flus

kontanti kif ukoll cekkijiet, fost affarijiet ohra, ghad-dannu tas-socjeta’ JNJ Imports Ltd., liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-elf lira Maltin u bil-hin;

2. Volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda izjed minn hamsin lira Maltin ghad-dannu ta’ l-istess socjeta’ u/jew ta’ ohrajn;

3. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’ reat, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

4. Saru recidivi, ai termini ta’ Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

5. Fl-ahharnett, Josef (Joseph) Sharfid wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess, data/i, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta’ Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 (dak li qabel kien Artikolu 5 tal-Kap. 152) li kien gie mpost fuqu b’ sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta’ Novembru, 2002, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 334, 49, 50 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant Alexander Anthony Gialanze Whiteford hati tat-tielet u r-raba` akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu erba` (4) snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant Whiteford mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-3 ta’ Mejju 2007 b’mod partikolari l-Artikoli 17,18, 334, 49, 50 u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap. 446 il-Qorti ssib lill-imputat Josef Sharfid hati tat-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah

erba’ (4) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Sharfid mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellanti Alexander Anthony Gialanze Whiteford u Josef Sharfid sabiex fi zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ LM 312.45 liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Josef (Joseph) Sharfid minnu pprezentat fil-11 ta’ Marzu 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tat-tielet, ir-raba` w il-hames akkuza u li mhux hati ghall-ewwel u t-tieni akkuza, filwaqt li tifforma s-sentenza billi ma ssibx hati taht l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u tilliberah minnha, kif ukoll fin-nuqqas taghti piena aktar gusta w ekwa.

Rat ir-rikors tal-appellant Alexander Anthony Gialanze Whiteford minnu pprezentat fil-15 ta’ Marzu 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet u r-raba` imputazzjoni u lliberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni, u tirriformaha billi tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Josef (Joseph) Sharfid huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher li l-appellant instab hati taht l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, jigifieri li r-reat kien wiehed kontinwat.

Izda mill-provi prodotti ma kienx hemm zminijiet differenti kif jitlob dan l-artikolu.  Jidher li kien gie identifikat bhala wiehed minn zewg persuni li dahlu fil-hanut fil-Hamrun u hallew kaxxa bid-DVDs.  Fil-fatt hallew id-DVds u meta regghu marru fil-fatt kien biex jithallsu.  B'hekk kien hemm prova li se mai l-appellant kellu pussess tad-DVds misruqa f'okkazzjoni wahda biss.  Kien gie allegat li certu Sandro Cardona kien xtara DVDs mill-appellant fi Strada Stretta, l-Belt, Valletta, izda m'hemmx prova ta' konnessjoni bejn id-DVDs li nsterqu mill-hanut il-Pieta`.  Gie allegat li Sandro Cardona mar f'hanut San Pawl il-Bahar biex ibiegh DVDs misruqa u Cardona kien xtrahom Lm2 il-wiehed.  Izda l-mistoqsija hija jekk dawn id-DVDs huma l-istess DVds misruqa.  B'hekk jekk l-Ewwel Qorti zdiedet il-piena sa zewg gradi, dan ma kienx gustifikat ghaliex jekk sar ir-reat ta' ricettazzjoni ma sarx b'mod kontinwat kif kien gie kkundannat.

Illi l-aggravju huwa rigward il-piena, fejn l-appellant inghata erba` snin prigunerija u kaxxa ta' DVDs .  Huwa minnu li huwa recidiv, izda jekk inghata l-piena skond l-artikolu 279(a), jigifieri li l-affarijiet misruqa ghandhom valur anqas minn €2329.37, il-massimu tal-piena huwa tliet snin.  Jekk il-grad izzied minhabba li l-appellant kien recediv u r-reat kien wiehed kontinwat, b'hekk jirrizulta li hu inghata l-massimu tal-piena.

Illi l-appellant ihoss li minkejja li huwa recediv u l-fedina penali huwa dak li hu, ihoss li l-piena moghti ma jirriflettix piena ekwa u gusta fil-konfront tar-reat imwettaq u bir-rispett kollu huwa wiehed ezagerat.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alexander Anthony Gialanze Whiteford huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u mhux idonea.  Illi f'dan ir-rigward jigi sottomess illi l-appellant kellu passat difficli ferm, li ma ppermettulux jistrada ruhu kif imiss fil-hajja, imsawwar minn problemi kbar fil-familja liema diffikultajiet swew ta' detriment akbar ghall-izvilupp normali tieghu.

Illi n-nuqqas tal-prezenza tal-genituri tieghu f'hajjet l-appellant kienet fattur li naqqset mill-motivazzjoni ta' l-appellant sabiex dan isegwi hajja ta' ghaqal.

Illi l-appellant ilu ghal dawn l-ahhar snin jigi segwit b'attenzjoni kbira mill-ufficjal ta' Sedqa Vicky Scicluna li kontinwament qed issegwi l-izvilupp tieghu sabiex l-appellant ikun jista` jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Illi jkun opportun li l-istess Vicky Scicluna taghti x-xhieda taghha dwar ix-xoghol li qed taghmel ma' l-appellant.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-hdax (11) ta' April tal-elfejn u hamsa (2005) Publius Farrugia u ibnu Jean Carl Farrugia bhala proprjetarji tal-kumpaniji *Engineering & Technology Limited* u *J & J Imports Limited* irrappurtaw lill-pulizija illi l-ufficcji taghhom fil-Pietà gew zgassati u gew misruqa elfejn u mitejn (2,200) DVD originali, kif ukoll zewg boroz li wiehed minnhom kellu hamest elef lira (Lm5,000) f'kontanti u l-iehor elf u hames mitt lira (Lm1,500) f'cekkijiet. Insterqu wkoll *PlayStation 2*, u xi dokumenti personali. Publius Farrugia mal-ewwel indika lill-pulizija illi kellu suspett fl-appellant Andy Whiteford illi kien ghamel xi zmien jahdem maghhom. Dan Whiteford gie arrestat il-ghada fit-tnax (12) ta' April tal-elfejn u ħamsa (2005), izda innega kwalunkwe koinvolgiment f'din is-serqa. Fit-tlettax (13) ta' April tal-elfejn u hamsa (2005) hdejn l-isptar *Saint Philip's* instabu xi dokumenti illi kienu jappartjenu lil Jean Carl Farrugia u li kienu fl-ufficcju tieghu meta dan insteraq.

Is-Sibt, sittax (16) ta' April tal-elfejn u hamsa (2005) zewgt irgiel suspettuzi dahlu fil-hanut jismu *Movies* u hemmhekk hadu kaxxa DVDs illi talbu mitejn u ghoxrin lira (Lm220) taghha. Fil-hanut kien hemm il-lavrant Karl Camilleri u mart sid il-hanut Anna Azzopardi. Hallew il-kaxxa u qalu illi se jghaddu t-Tnejn ta' wara ghall-flus. Fil-kaxxa kien hemm erbgha u sebghin (74) DVDs bil-marka *J & J Imports* (Dok.JJ2). Sussegwentement Jean Karl Farrugia

identifika kemm il-kaxxa, kif ukoll id-DVDs gol-kaxxa bhala dawk illi kienu nsterqu mill-ufficcju tieghu.

It-Tnejn ta’ wara, tmintax (18) ta’ April tal-elfejn u hamsa (2005), l-appellant Joseph Sharfid mar fil-hanut ghall-flus. Il-pulizija giet infurmata u marru mal-ewwel fuq il-post u arrestaw lill-appellant Sharfid. Karl Camilleri gharaf lill-appellant Josef Sharfid bhala wiehed minn dawk it-tnejn illi kienu marru fil-hanut is-Sibt ta’ qabel, sittax (16) ta’ April elfejn u hamsa (2005), u hallew il-kaxxa hemmhekk. Min-naha tieghu Josef Sharfid qal lill-pulizija illi huwa kien mar il-hanut sabiex jikri DVD u nnega illi kien ha xi kaxxa b’DVDs fl-istess hanut is-Sibt ta’ qabel.

Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’April tal-elfejn u hamsa (2005), Frank Agius, propjetaju ta’ *One Stop DVD Shop*, San Pawl il-Bahar, irrapporta lill-pulizija illi dahal ragel suspettuz jipprova jbieghlu xi DVDs. Dan kien qieghed isuq vettura tat-tip *Jeep* bin-numru GBD 697 li sussegwentement irrizulta illi hija proprjetà ta’ Helen Cardona. Meta dina giet investigata mill-pulizija qalet illi l-vettura kienet uzata minn binha Sandro. Dan gie arrestat u ammetta illi kien mar il-hanut *One Stop DVD Shop* u jipprova jbiegh DVD. Sandro Cardona ikkopera mal-pulizija u hadhom f’ghalqa limiti tal-Iklin minn fejn taht sigra nstabet kaxxa tal-kartun bi tmienja u tmenin (88) DVD u videos go fiha (Dok. JJ1). Sandro Cardona qal li kien xtara d-DVDs ghall-prezz ta’ zewg liri (Lm2) -il wiehed minghand l-appellanti Josef Sharfid u Andy Whiteford minn fond fi Strada Stretta, il-Belt. L-appellanti Josef Sharfid u Andy Whiteford innegaw kwalunkwe konvolgiment f’din il-vicenda.

Il-Qorti nnominat lil Martin Bajada bhala espert tekniku biex jaghmel stima tad-DVDs u skont ir-rapport tieghu d-DVDs fiz-zewg kaxxi jiswew elf, mija u hmistax-il lira Maltin (Lm1,115).

Kemm Anna Azzopardi, mart il-proprjetarju tal-hanut *Movies* u Karl Camilleri gharfu lil Josef Sharfid u Andy Whiteford bhala z-zewg persuni illi kienu dahlu fil-hanut is-Sibt, sittax (16) ta’ April b’kaxxa DVDs (Dok. JJ2) u kienu

talbu l-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira (Lm220) taghhom. Karl Camilleri kien il-hanut it-Tnejn ta' wara, tmintax (18) ta' April, meta Josef Sharfid dahal fil-hanut biex jithallas.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju dwar il-veracità tal-identifikazzjoni ta' Anna Azzopardi, Karl Camilleri u Sandro Cardona li identifikaw liz-zewg appellanti bhala l-persuni illi kienu hallew il-kaxxa bid-DVDs fil-hanut *Movies* u kif l-appellant Josef Sharfid mar f'dan l-istess hanut jumejn wara, it-Tnejn, tmintax (18) ta' April, sabiex jithallas ta' din il-kaxxa.

Id-Difiza ippruvat titfa' dubbju fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni il ghaliex qalet illi mhux il-kaxxa trid tigi identifikata izda l-kontenut taghha. Fuq dan, il-Qorti ukoll ma ghandha l-ebda dubbju il ghaliex Jean Karl Farrugia quddiem l-ewwel Qorti identifika kemm il-kaxxa kif ukoll id-DVDs gewwa l-kaxxa bhala dawk illi kienu nsterqu mill-ufficcju tieghu. Terga', l-appellant argumenta illi ma kienx hemm nexus bejn id-DVDs li l-appellanti ippruvaw ibieghu fil-hanut *Movies* u l-ohrajn illi nstabu fil-hanut ta' San Pawl il-Bahar. Il-Qorti ssib illi dan in-nexus qieghed f'idejn Sandro Cardona illi xehed quddiem il-Qorti illi huwa xtara DVDs ghal zewg liri (Lm2) -il wiehed minghand iz-zewg appellanti minn fond Strata Stretta, il-Belt, u kienu dawn l-istess DVDs illi pprova jbiegh lil Frank Agius tal-*One Stop DVD Shop* f'San Pawl il-Bahar.

Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju dettat mir-raguni li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi z-zewg imputati kienu fil-pussess ta' DVDs misruqin ftit tal-jiem biss wara li dawn insterqu minn fond proprjetà ta' *J & J Imports Limited* mill-Pietà.

Din il-Qorti taqbal mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta fis-sentenza taghha qalet: "F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi hemm bizzejjed indizji sabiex tirrizulta r-reatà in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta' ricittazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati izda mhux l-

imputazzjoni ta’ serq u hsara volontarja.” Dan, l-ewwel Qorti tista’ liberament taghmlu peress illi minkejja illi l-appellanti huma akkuzati kemm b’serq u ricettazzjoni, dawn huma alternattivi ghal xulxin, u kif gara f’dan il-kaz il-Qorti tista’ ma ssibx htija ta’ serq u minflok issib htija ta’ ricettazzjoni.

Iz-zewg appellanti gew akkuzati ukoll illi saru recedivi u f’dawn l-atti gew ipprezentati s-sentenzi relattivi u saret id-debita prova tal-identità. L-appellant Josef Sharfid gie akkuzat ukoll li kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kap 448 impost fuqu permezz ta’ sentenza tas-sebgha (7) ta’ Novembru tal-elfejn u tnejn (2002), u din is-sentenza ukoll giet esebita.

Ghalhekk ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati u Josef Sharfid jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

L-appellanti ilmentaw ukoll mill-ammont tal-piena illi erogat l-ewwel Qorti peress illi qalu illi l-valur kien anqas minn elf lira (Lm1,000) izda l-piena li nghatat kienet vicin il-massimu, li f’dawn ic-cirkostanzi kien esagerat.

L-ewwelnett din il-Qorti tghid illi l-piena ma kinitx vicin il-massimu u gew applikati l-provvedimenti tal-artikolu 18. Barra minn hekk, skont il-valuri moghtija mill-espert tekniku Martin Bajada, id-DVDs jiswew aktar minn elf lira (Lm1,000). Kwindi, ghalhekk, il-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi.

Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt (ara Repubblika versus David Vella, 14 ta’ Gunju 1999 u ohrajn). Din il-Qorti ssib illi l-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu fic-cirkostanzi legali u ragonevoli. Kif qalet il-kawza Repubblika ta’ Malta versus Ivan Gatt (Appell Kriminali, 1 ta’ Dicembru 1994) “... L-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq l-apprezzament tal-

provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm konverzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta, u evidentement giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament."

Kif già nghad din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju fuq il-verzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u tista' liberament u serenament toqghod fuqhom bhalma qaghdet fuqhom l-ewwel Qorti. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba id-deskrizzjoni u decizjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------